**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 28 TA' SETTEMBRU, 2001

**Numru: 12**

**Avviz Nru: 576/01 AE**

**Public Broadcasting Services Ltd**

**vs**

**Feelings Enterprises Limited.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-kundanna tal-hlas tas-socjeta konvenuta ghas-somma ta' tmien mija u disghajn lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm890.10), dovuta ghall-hlas ta' servizz ta' reklamar ezegwit mis-socjeta attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum is-socjeta konvenuta ghadha ma hallset xejn mill-ammont mitlub.

Ra wkoll id-dokumenti ezebiti mis-socjeta attrici fis-seduta tal-lum.

Ra li s-socjeta konvenuta ghalkemm debitament notifikata ma pprezentatx risposta fit-terminu stabbilit mil-ligi u lanqas ma dehret fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2001 u dik tal-lum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed ghar-ragunjiet fuq premessi jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmien mija u disghajn lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm890.10) ghar-ragunijiet fuq premessi, bl-imghax mid-data tal-hrug ta' l-invoices relattivi.

Bl-ispejjez, inkluzi d-drittijiet legali, kontra s-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**